**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 241/20 AL

A B

vs

C D E

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament fl-affidavit tar-rikorrent u ili permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu ġewwa Malta, nhar il-ħamsa ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u ħamsa u tmenin (05. 05. 1985) u dana skont l-anness ċertifikat taż-żwieġ mmarkat Dok 'A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied F fit-22 t' Ottubru ta-sena elf disa' mija, ħamsa u tmenin (22.10.1985) u G illi twieled fl-

erbatax t' April tas-sena elf, disa' mija u disgħin (14.04.1990) li llum il-ġurnata it-tnejn huma maġġorenni;

3. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom jgħixu separatament minn xulxin mis-sena elfejn u sebgħa (2007) u sussegwentement isseparaw minn xulxin b'mod uffiċjali u legali permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon datat tlettax ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (13.07.2007) liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'B';

4. Illi llum il-ġurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent u l-intimata jirrikonċiljaw stante li ilhom jgħixu separatament għal dan l-aħħar tlettax-il sena (13). In oltre illum il-ġurnata għandhom ħajja separata minn xulxin u addrittura hemm rabtiet oħrajn ma' personi oħra;

5. Illi in oltre r-rikorrent m'għandu ebda pendenza rigward manteniment minħabba li ulieda huma illum maġġorenni mentri l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reċiproku a favur ta' xulxin;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddivorzja u jaqbel li ż-żwieġ għandu jiġi maħlul;

7. Illi dawn il-fatti sopra ċitati jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn C D E u A B u tiddikjara żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-

Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata a fol 12 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi mhux ikkontestat li:
   a) Il-partijiet żżewġu fil-5 ta' Mejju 1985 u li ilhom jgħixu separatament sa' mill-2006;
   b) Illi huma sseparaw legalment b'kuntratt tat-13 ta' Lulju 2007 in atti Nutar Joseph Henry Saydon
   c) Illi ma hemm ebda prospett li jirrikonċiljaw; u
   d) Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu rrinunzjaw reċiprokament għad-dritt ta' manteniment u ż-żewġ uliedhom F li twieldet fis-sena 1985 u G li twieled fis-sena 1990, illum huma maġġorenni.

2. Illi l-esponenti ma għandha ebda oġġezzjoni għat-talbiet tar-rikorrenti li dina l-Qorti tawtorizza d-divorzju u li tordna ir-reġistrazzjoni tal-istess skont il-liġi.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 t'Awwissu, 2020;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Lulju, 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.